MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Talba Numru. 604/2011

**Kenneth Pullicino ezercitanti**
**l-kummerc taht l-isem**
**Kenneth Hardware Stores**
**Vs**
**Clinica del Benessere Ltd (C-24405)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l- attur ippremetta illi s-socjeta' intimata ghandha tigi kkundannata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf, seba' mija wiehed u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€1,721.64) rapprezentanti materjal mibjugh u konsenjat lis-socjeta' intimata stess li accettat tali materjal u li hallset ghal dan ix-xoghol permezz ta' '*cheque'* datat 13 t'April, 2011 li ma giex onorat; bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn ecceppiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant

ghandhom jigu michuda minn dan l-Onorabbli Tribunal stante li l-kwalita' tal-materjal ma kenitx tal-kwalita' pattwita u ghaldaqstant l-ammont pretiz m'huwiex dovut; salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-attur;

Ra d-dokumenti kollha;

**Ikkunsidra:**
L-attur fix-xhieda tieghu ddikjara li huwa s-sid ta' Kenneth Hardware Stores f'Haz-Zabbar. Kien jixtri minghandu Pier Luigi Ravaioli li kien jirrapprezenta lil Clinica del Benessere Limited. Darba minnhom kien dahal u xtara diversi affarijiet minghandu fl-ammont t' elf, seba' mija wiehed u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€1,721.64) (ara Doks KP2). Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ried li l-affarijiet jkunu *on credit* pero' l-attur m'accettax u ghalhekk kien hallas permezz ta' cekk. Dan ic-cekk ma ssarrafx (ara kopja tac-cekk Dok KP1). Meta tkellem mas-Sur Ravaioli kien qal li ser ihallas u jitfa' flus fl-akkont pero' dan ma sehhx. Qatt ma kien hemm ilment dwar il-prodotti u skont hu ma setghax jsir ilment ghaliex l-affarijiet huma dawk li jitolbu l-klijenti.

It-Tribunal ikkunsidra li l-konvenut ma ressaq ebda prova, lanqas prova dokumentarja, biex jissostanzja dak li qieghed jallega ossia li l-kwalita' tal-affariijiet mibjugha lilu ma kinux tal-kwalita' patwita.

Illi *di piu* mill-fatturi pprezentati, li ma gewx ikkontestati, jidher li l-affarijiet mibjugha kienu diversi u varjati ghal kollox, ghaliex hemm indikata affarijiet bhal *first aid box*, *jigsaw blades* u cement, ghalhekk jhoss illi l-eccezzjoni ma taghmilx sens anke invista tal-lista tal-affarijiet. Ghalhekk li kieku kienet eccezzjoni genwina l-ilment kien jkun fuq wiehed jew tnejn mill-affarijiet u mhux kollha.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi t-talba giet sodisfacjentement ippruvata.

**Decide**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, seba' mija wiehed u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€1,721.64) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------